KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta**
**Tmien LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 37** **Erbgħa 22 ta' Settembru 2021**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:20 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Romilda Baldacchino Zarb – Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Danny Farrugia – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Shirley Abela – Kunsillier
Mikhail Micallef -Kunsillier
Maria Pia Bonnici

**ASSENTI**
Christopher Grech – Viċi-Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

**MISTIEDEN:**
Daniel Galea - Accountant
Pearl Kenny - Residenta (m'attendietx)

**Minuti**
Is-Sindku Romilda Baldacchino Zarb ippresediet l-laqgħa.

**37.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija, tal-Kunsilliera S. Abela u Micallef, kif wkoll tal-Kunsilliera Bonnici li fil-bidu tal-laqgħa talbet biex tkun skużata għax-kienet ma tiflaħx. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġija, kif wkoll ġiet skużata l-Kunsilliera Bonnici.

**37.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 36**

**REF: 33.3.6 Kommunikazzjoni – Bidnija Bridge condition report**

Is-Sindku nfurmat li l-Viċi talab kwotazzjoni oħra lil-Perit tal-Kunsill peress li l-istess Perit infurmana li kellu kwotazzjoni waħda, għax inġinier ieħor li talbu kwotazzjoni ma setgħax joffri s-servizz.

**REF:34.3.1 Kommunikazzjoni – Sleeping Policeman Triq Patri Ġużè Delia u Triq il-Fortizza**

Is-Sindku nfurmat li lis-*sleeping police* ta' triq Patri Ġużè Delia lesta wkoll.

**REF: 35.3.1 Kommunikazzjoni – Cloud PABX**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li tal-GO plc talbu laqgħa wara li nfurmajnihom li sibna alternattiva aħjar għal-bżonnijiet tal-Kunsill. Is-Sindku talbet biex tiġi nkluża fil-laqgħa mal-GO plc.

**REF: 35.3.2 Kommunikazzjoni – Proposal Summer 2021**

Is-Sindku nfurmat li l-kors ta' l-ECDL huwa mimli b'40 applikant.

**REF: 35.3.4 Quote for Illuminated Bollards in Ġnien l-Għarusa tal-Mosta u Dawl tal-Pont**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għanda laqgħa mal-Inġiniera Galea Curmi dwar id-dwal tal ġnien, kif wkoll id-dawl tal-pont. Is-Sindku talbet biex tiġi nkluża fil-laqgħa.

**REF: 35.3.5 Kommunikazzjoni – Quote for Bins**

Is-Sindku staqsiet meta ser jaslu l-*bins*, u s-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li jekk tiftakar sew is-*supplier* nfurmana li għal-Ottubru. Is-Sindku talbet biex nikkuntattjaw lis-*supplier* biex jikkonferma.

**REF: 35.4.6 Tables & Chairs**

Is-Sindku talbet biex l-applikazzjoni li rċevejna titressaq fil-lista tat-*traffic management Committee.*

**REF: 36.3.3 Kommunikazzjoni - Lights Proposal Quote**

Is-Sindku staqsiet jekk nxtraw il-bozoz, u s-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li suppost iva, u ħa tikkonferma.

**REF: 36.3.5 Kommunikazzjoni- Point 2 Triq l-Isperanza biex tkun innumerata u Point 6 Konfini Mosta u Naxxar**

Is-Sindku talbet lis-Segretarju Eżekuttiv biex nitolbu lil-avukat biex tinkiteb ittra lil-Kummissjoni Elettorali.

**REF: 36.3.8 Kommunikazzjoni - Triq il-Kbira Footpaths**

Is-Sindku nfurmat li għadna ma rċevejnhiex lura mil-kuntrattur, jekk hux lest jagħmel ix-xogħolijiet.

**REF: 36.3.9 Kommunikazzjoni - Lista għal-lampi dekorattivi Fażi 3**

Is-Sindku fakkret lil membri preżenti biex jirrispondu l-*email* u jibgħatu lista ta' toroq fejn jaħsbu li hemm bżonn u jista' jsiru aktar lampi dekorattivi. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li diġà ingħatalna *extension* biex nkomplu bl-istess tender minħabba l-ispecs tal-lampi mitluba mil-Planning Authority, u għalhekk importanti li din il-lista tkun finali.

Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li kif tirċievi l-lista finali, terġa ssir it-talba lil Planning Authority u d-DLG, għal-approvazzjoni biex terġa ssir *extension,* biex jitkompla l-proġett.

**REF: 36.4.2 Festivals**
Is-Sindku nfurmat li l-festival ta' Nar u Baned li qed jiġi organizzat mir-Reġjun, ġewwa l-Mosta ser jsir fit-3 t'Ottubru fil-Pjazza.

Rigward Jum il-Mosta, s-Sindku rringrazzjat lil-Kunsillier Camilleri tal-organizzazzjoni u nfurmatu li kellna kummenti pożittivi.

**REF: 36.4.3 Silver T**
Is-Sindku konfermat l-Ministeru ħabbar li s-servizz tas-Silver T ser jkun reġjonali.

Fis-6:40pm daħal għal-laqgħa l-Kunsillier Cassar.

**REF: 35.3.1 Kommunikazzjoni – Cloud PABX**
Il-Kunsillier Cassar nforma li wara li ntbatet email biex il-GO plc jgħidulna x'inhi l-*penalty fee* biex nitterminaw il-kuntratt, dawn talbu laqgħa. Is-Sindku talbet biex tiġi nkluża fil-laqgħa.

**REF: 36.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**
Il-Kunsillier Cassar ir-rimarka li l-Kunsilliera Shirley Abela reġgħet ma attendietx il-laqgħa tal-Kunsill, u staqsa jekk in-nuqqas t'attendenza tiġġustifikax li tibqa Kunsilliera. Is-Segretarju Eżekuttiv qasmet fuq l-iskrin mal-Kunsilliera preżenti id-dokumenti li kienu ntbagħtu lil-Kunsilliera, fejn il-liġi tgħid li hija deċiżjoni tal-Ministru u dejjem jekk l-assenza kienitx ġustifikata u jista' jiddikjara il-post vakanti wara nuqqas ta' erba' laqgħat wara xulxin.
Is-Segretarju Eżekuttiv qasmet wkoll l-attendenza, tal-Kunsilliera Abela fejn kienet tlett darbiet assenti u mhux wara xulxin.

**REF: 34.3.2 Kommunikazzjoni -Jupiter Roundabout New Statue**
Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk irċevejnhiex risposta min Infrastructure Malta, u s-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li le.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 36.

Fis 6:45 saret sospensjoni ta' l-aġenda biex ngħaddu għal *items* 37.5.2 Quarterly Report No. 1: Jan-March 2021, *item* 37.5.3 Quarterly Report No. 2: April-June 2021 u *item* 37.5.4 Management Letter/reply to Management Letter.

**37.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**
**37.3.1 Kommunikazzjoni - Complaint in Triq Wied is-Sir u l-Ħanqa**
Is-Sindku qrat l-ittra ta' ilment li bagħtet is-Sinjura Kenny, u ntwera fuq l-iskrin il-filmat li bagħtet. L-ilment tas-Sinjura Kenny huwa dwar li vetturi qed jidħlu *one-way* u qed jolqtuha l-ħajt tas-sejjieħ, u l-volum ta' ilma tax-xita li jgħaddi mil-ġnien tagħha, kif wkoll problema tad-drenaġġ.

Saret diskussjoni u l-Kunsilliera qablu li l-Kunsill m'għandux kontroll fuq il-vetturi li jidħlu -*one-way* għax il-Kunsill mhuwiex awtorizzat jagħmel *enforcement,* kif wkoll dwar il-volum ta' l-ilma tax-xita, għax wara kollox il-ġnien tas-sinjura ġo wied qiegħed. Rigward il-ħajt, dan huwa ħajt privat tagħha, u jekk qed jsirilha l-ħsara min vetturi, hija responsabiltà tagħha biex

tfittex għad-danni lil-terzi. Tabelli hemm u s-sewwieqa qed jinjorawhom, u għalhekk il-Kunsill ser jinforma lil-LESA u lil-Pulizija għal-*enforcement.*

Rigward id-drenaġġ l-Kunsill ser jagħmel pressjoni mas-Sanità u l-Water Services Corporation biex jaraw x'jista' jsir u x'inhi l-problema.
(sakemm spiċċat il-laqgħa s-Sinjura Kenny ma daħlitx għal-laqgħa)

Fis-7:20pm daħal għal-laqgħa l-Kunsillier Gatt.

**37.3.2 Kommunikazzjoni - Nar ta' l-Ajru 150 sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja**
Il-Kunsillier Cassar, nforma lil membri preżenti li fid-dawl tal-festi tal-150 sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja, se jkun qed jinħaraq xi nar nhar il-Ġimgħa 15 t'Ottubru, u għalhekk kif sar f'okkażjonijiet speċjali simili, l-Kunsill għandu jkun parteċipi f'dawn l-avvenimenti u għalhekk ressaq quddiem il-membri it-talba sabiex l-Kunsill jieħu ħsieb l-*fire engine* u l-*insurance* marbutin ma din l-attività.

Il-ħinijiet huma kif ġej:

8.00am - 8.15am - Kamra tan-Nar Santa Marija
12.00am - 12.15am - Soċjetà Piroteknika 15 t'Awwissu
8.00pm - 9.15pm - Kamra tan-Nar Santa Marija
9.15pm - 10.30pm - Soċjetà Piroteknika 15 t'Awwissu

Il-membri preżenti qablu unanimament.

**37.3.3 Kommunikazzjoni – PA 9958/18 Demolition of Exisiting Public Convenience; Works Order 110/2021.**
Is-Sindku nfurmat li ġiet iċ-ċirkolata kwotazzjoni mil-Perit tal-Kunsill biex jinstab inġinier minħabba d-dawl. Issa fadal kwotazzjoni oħra min Galea Curmi, fejn is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ħa ssir laqgħa nar it-tnejn biex jiġi diskuss l-BOQ tad-dawl li hemm bżonn biex il-perit tal-Kunsill jkompli fuq it-tender.
Is-Sindku talbet biex tkun inkluża fil-laqgħa.

**37.3.3 Kommunikazzjoni – Quotation for Cleaning Services.**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bħala *Cleaning Services* batna għal-kwotazzjonijiet u b'għat lura kuntrattur wieħed biss, li huwa l-istess li għandna, Melchiore Dimech.

**37.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
**37.4.1 Mafkar**
Il-Kunsillier Camilleri nforma li fil-15 t'Ottubru ser jinkixef il-monument. Dan ser jsir wara li tispiċċa l-quddiesa tal-pontifikat. Il-Kunsillier Camilleri staqsa jekk hux ser nibgħatu ittra lil-kleru, Membri Parlamentari, Kunsilliera, l-artist li ħadem il-monument.
Il-membri preżenti qabblu li tintbagħat ittra, u jiġi ordnat il-fotografu.

**37.4.2 Bus Stop Pjazza Sta. Margerita**
Il-Kunsillier Deguara nforma li hemm *bus stop* fi pjazza Sta. Margerita, fejn qed jintrema ħafna skart. Is-Sindku nfurmat li hemm problema għax il-ħin kollu niġbru l-iskart min hemm. Il-Kunsillier Deguara nforma li għandhom ideja min hu l-persuna li qed jarmi b'mod illegali, għax hija l-istess vettura.

Is-Sindku talbet biex jgħaddi n-numru tal-vettura biex ninfurmaw lil-Pulizija.

**37.4.3 Gradilji fuq il-Bankini**
Il-Kunsillier Deguara staqsa jekk il-Kunsill għandux x'jaqsam ma gradilji li jsiru fuq il-bankini biex jgħaddi l-ilma, fejn uħud jkunu tal-plastik u jinkisru min vetturi meta jipparkjaw fuq bankini. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li hija responsabiltà tar-resident, u idealment dawn il-gradilji kif wkoll tappieri tad-drenaġġ quddiem residenzi għandhom jsiru tal-ħadid.

Fis-7:30pm il-Kunsillier Cassar daħal lura għal-laqgħa.

**37.4.4 Magazine tal-Kunsill**
Il-Kunsillier Deguara fakkar lil-membri preżenti li ntbagħtet imejl biex sat-2 t'Ottubru kulħadd jibgħat ir-rapport tiegħu.

**37.4.5 CCTV Pjazza**
Il-Kunsillier Gatt staqsa jekk is-CCTV's li hemm fil-pjazza humiex *connected.* Is-Sindku nfurmat li le, u s-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex issir l-applikazzjoni.

**37.4.6 Clean Up Day**
Il-Kunsillier Farrugia nforma li ser issir *clean up day* nhar it-2 t'Ottubru. Il-Post ser jiġi mħabbar iktar il-quddiem. Saret diskussjoni kif ser jitqassmu l-persuni u l-għaqdiet għal *clean up day.*

**37.4.7 Walking Club**
Il-Kunsillier Zerafa staqsa jekk jistax jerġa jibda jorganizza mixjiet. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li iva jista' u mportanti li min jattendi jżomm id-distanza soċjali.

**37.4.8 PAMA**
Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk saritx il-laqgħa mal-PAMA. Is-Sindku nfurmat li bagħtet lil-PAMA u nformatom li kull min qed jistaqsi dwar il-proġetti tal-PAMA, qed tinforma li l-Kunsill għadu qed jistenna risposti mil-*management* u l-Perit tal-PAMA.
Il-Kunsillier Cassar talab biex minnufih tintbagħat ittra legali lil PAMA, u tiġi reġistrata l-Qorti, għax il-kuntratt skada iktar min sentejn ilu.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex qabel ma tintbagħat l-ittra tiġi ċċirkulata mal-Kunsilliera.

**37.4.9 Outdoor Gym**
Il-Kunsillier Cassar talab *update.* Is-Sindku nfurmat li għanda laqgħa mal-prinċipal biex naraw kif ser ngħaddu d-*drip irrigation*, imma mhux suppost tkun problema.

**37.4.10 Ġnien 15 t'Ottubru**
Il-Kunsillier Cassar talab *update.* Is-Sindku nfurmat li l-*equipment* twaħħal u fadal il-konkos, kif wkoll għandu jibda jitranġa d-dawl.

**37.4.11 Ġnien Grognet de Vasse**
Il-Kunsillier Cassar talab *update.* Is-Sindku nfurmat li qed jitwaħħal l-*equipment*. Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk saritx laqgħa mal-grupp li jużaw l-Parkour, għax informawh li ma ġewx ikkonsultati. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv nformaw li dan mhux minnu għax meta

ltaqgħu mal-kuntrattur flimkien mal-Perit tal-Kunsill, il-kuntrattur qal li diġà kien f'kuntatt mal-grupp li jagħmlu użu mil-Parkour dwar il-ħajt.

Saret diskussjoni fejn il-Kunsillier Cassar tkellem wkoll ma l-għaqda dwar il-vandaliżmu li l-Kunsill kien jsib. Is-Sindku nfurmat li l-Perit tal-Kunsill qal li wieħed ma jistax jaqbad u jqatta biex jsir ħajt, minħabba ċ-ċertifikazzjoni u l-ħajt jrid jinbena wara, imma qabel irridu nikkonsultaw kif għandu jsir u jekk hemmx bżonn li jsir.

**37.4.12 Main Street**
Il-Kunsillier Cassar nforma li sar it-tarmak sa kważi triq Dun Mikiel Xerri, u ħaddiema fantazma. Il-Kunsillier talab *update* dwar il-bankina fejn skont il-minuti ta' qabel il-Viċi u s-Sindku kellhom jitkellmu mal-kuntrattur ta' Infrastructure Malta. Is-Sindku nfurmat li l-importanti għal-Infrastructure Malta huwa li nżommu mad-dati tagħhom, però għad ma ltaqgħux mal-kuntrattur, kif wkoll għad irridu napplikaw għal-approvazzjoni mid-DLG.

**37.4.13 Triq Gio. C. Dei Marchesi Mallia Tabone**
Il-Kunsillier Cassar nforma li triq Gio. C. Dei Marchesi Mallia Tabone waħda mil-iżgħar toroq ġol Mosta ilha ħafna wieqfa mix-xogħolijiet. Is-Sindku nfurmat li dan mhux minnu, għax is-servizzi u l-bankini saru, u l-asfalt ħa jsir il-ġimgħa d-dieħla u ħa jibqa' sejjer għal triq il-Garrier.

**37.4.14 Triq Durumblat u Triq il-Mitħna**
Il-Kunsillier Cassar talab *update,* u s-Sindku nfurmat li din ħa titkompla kif titlesta is-*central link.*

Il-Kunsillier Cassar talab *update* rigward ir-*roundabout* jekk hux approvata jew le. Is-Sindku nfurmat li ħa mmexxu mingħajr ir-*roundabout* imbagħad jirranġaw wara, u l-Kunsillier Cassar staqsa jekk hux ħa tibqa *two-way,* u s-Sindku nfurmat li iva.
Il-Kunsillier Cassar nforma li fuq il-mejda tal-Kunsill telgħet pjanta biex jekk wieħed jrid joħroġ min triq il-Mitħna biex jmur lejn ta' Qali, trid tmur lejn ħ-Attard. Is-Sindku nfurmat li dan mhux minnu għax waqt laqgħa tal-Kunsill kien sar qbil li titneħħa l-*junction.*
Saret diskussjoni u l-Kunsillier Cassar nforma illi jekk għanda *feedback* li l-*crossing over* ser issir, mela m'hemmx bżonn ta' *roundabout* imma mportanti li l-*crossing over* jibqa'.
Is-Sindku nfurmat li ħa ġġib l-*updates* bil-miktub, biex tkun diskussa waqt it-*traffic management meeting* li jmiss.

**37.4.16 Triq Alwetta**
Il-Kunsillier Cassar nforma li triq Alwetta hemm tappiera għolja, u s-Sindku nfurmat li din mitluba biex titbaxxa għax saret għolja, minħabba li jrid jsir l-isqaq. Is-Sindku nfurmat li talbet biex titbaxxa għax jista' jaqa xi ħadd, mbagħad jekk hemm bżonn, t'għola meta jsir l-isqaq.

**37.4.17 Vjal Qalbiena Mostin**
Il-Kunsillier Cassar nforma li kien sar qbil kif ser jkun it-traffiku ta' Vjal Qalbiena Mostin waqt *traffic Management meeting,* u staqsa f'hiex waslet. Is-Sindku nfurmat li kienet bagħtet li Perit Testaferrata De Noto imma m'għadhiex taħdem hemm, u ħa terġa tkellimha.

**37.4.18 Public Consultation Tarġa Gap, Żokkrija**
Il-Kunsillier Cassar talab *update* dwar il *public consultation* ta' Tarġa Gap. Is-Sindku nfurmat li ħa taħdem fuqu.

**37.4.19 Festival Baned u Nar**
Il-Kunsillier Cassar nforma li attenda għal-laqgħa tal-lejla, u fit-3 t'Ottubru ser jkun qed jsir kunċert baned u nar li qed jiġi organizzat mir-Reġjun. L-idea kienet li jsiru marċi fit-toroq imma minħabba l-COVID ser jsir fil-parkeġġ tal-pjazza, fejn ser jintrama l-planċier li ħa jitpoġġa daru mal-*bus stop* biex it-triq tibqa passaġġ.

Fis 7:55pm daħal għal-laqgħa is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, is-Sur Abdilla.

Il-Kunsillier Cassar żied jgħid li l-baned li ser jdoqqu huma tal-Għargħur, u tnejn tal-Mosta, u l-programm ħa jibda fit-7:45pm kif tispiċċa l-quddiesa, u għal-ħabta ta' l-10:00pm, jinħaraq in-nar min fuq il-bjut madwar il-pjazza min żewġ każini tan-nar.

Il-Kunsillier Cassar nforma li ser jieħu ħsieb li jingħalaq il-parkeġġ għal waqt l-armar u żarmar, u l-Kunsill jrid japplika għal-għeluq tal-pjazza u tat-toroq waqt il-programm. It-toroq li ser jingħalqu huma l-istess bħal dawk li jingħalqu waqt il-festa.
Rigward *tables and chairs*, kemm tintbagħat ittra lir-ristoranti u *bars,* fejn ħa jintalbu jżommu mal-parametri tagħhom. Dan ħa jkun permess temporanju għal madwar sagħtejn/tlieta għal dak in-nhar tal-festival.

**37.4.20 Kotba mir-Reġjun**
Is-Segretarju Eżekuttiv tar-reġjun nforma li r-reġjun ser jibgħatilna xi kotba, uħud *hardbound* u oħrajn *softbound* biex jinbiegħu mil-Kunsill, fejn il-qligħ tagħhom ser jkun kollu għal Community Chest Fund.

Biex nevitaw li jkollna problemi, anke minħabba l-*accounts*, kif wkoll biex ma noqgħodux nibgħatu l-flus ftit ftit għal kull ktieb li jinbiegħ, il-Kunsill m'mod unanimu qabel, biex ngħaddu l-flus tal-kotba kollha lir-Reġjun mil-ewwel biex jmorru għal-Community Chest Fund, u l-Kunsill jżomm il-flus tal-bejgħ li jsir matul iż-żmien, peress li l-flus ser jgħaddu mil-ewwel lil Community Chest Fund.
Is-Sur Abdilla nforma li l *hardbound* jinbiegħ €50, u s-*softbound* €35.

Fit 8:05pm is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, is-Sur Abdilla, skuża ruħu mil-laqgħa.

**37.5 Rapporti**
**37.5.1 Update - Development Funds as at 22.09.2021**
*Update* tal-lista tad-*Development Funds*, ingħatat lil-Kunsilliera fil-*folder* mad-dokumenti tal-laqgħa.

**37.5.2 Quarterly Report No. 1: Jan-March 2021**
L-*accountant* tal-Kunsill ta' rendikont tal-*quarterly report* min Jannar sa Marzu 2021.
Paġna 4- Statement of Income and Expenditure
Ħruġ u dħul tal-Kunsill fl-ewwel perjodu tas-sena mqabbel mal-baġit 2021. Il-Kunsill kellu dħul ta' €415,535, ħruġ ta' €416,218, fejn qegħdin b'defiċit żgħir fuq natura rikorrenti fl-ewwel tlett xhur.

Paġna 5 - Statement of Financial Position
Sitwazzjoni akkumulata ta' 49%

Paġna 7 - Funds Received from Central Government
Irċevejna kwart ta' l-allokazzjoni, u kien hemm dħul ieħor, fejn b'kollox kellna dħul ta' €415,535, mqabbel tajjeb ma baġit ta' €1,637,133.

Paġna 8 - Detailed Expenditure
Bħala Personal Emoluments għandna baġit annwali ta' €343,750 u sa l-ewwel kwart in-nefqa hija ta' €75,446.

Operations and Maintenance għandna baġit ta' €1,076,700 u sa l-ewwel kwart in-nefqa hija ta' €279,614. Bħala *street lighting* qiegħed iktar mil-baġit, imma qed nistennew rifużjoni ta' fondi mid-Development Funds.

Administration għandna baġit ta' €68,000 u sa l-ewwel kwart in-nefqa hija ta' €15,787.

**37.5.3 Quarterly Report No. 2: April-June 2021**
L-*accountant* tal-Kunsill ta' rendikont tal-*quarterly report* min April sa Ġunju 2021.
Paġna 4 - Statement of Income and Expenditure
Ħruġ u dħul tal-Kunsill fl-ewwel perjodu tas-sena mqabbel mal-baġit 2021. Il-Kunsill kellu dħul ta' €832,801, ħruġ ta' €781,729, fejn qegħdin b'*surplus* fuq natura rikorrenti ta' €51,072.

Paġna 7 - Dħul min permessi qiegħed iktar mil-baġit annwali, fejn sa Ġunju id-dħul kien ta' €45,478.

Paġna 8 - Detailed Expenditure
Bħala Personal Emoluments għandna baġit annwali ta' €343,750 u sat-tieni kwart tas-sena n-nefqa hija ta' €155,363.

Operations and Maintenance għandna baġit ta' €1,076,700 u sat-tieni kwart in-nefqa hija ta' €506,569.

Administration għandna baġit ta' €68,000 u sat-tieni kwart in-nefqa hija ta' €29,055.

Paġna 5 - Statement of Financial Position
FSI ta' 47%, fejn għandna *working capital* ta' €664,298.

**37.5.4 Management Letter/reply to Management Letter**
L-*accountant* nforma li madwar xahrejn ilu kellna l-*audits* fejn bagħatulna l-*audit adjustments,* mbagħad irċevejna l-*management letter* liema ittra ser tiġi risposta fil-jiem li ġejjien.

Fis-7:10pm il-Kunsillier Cassar talab biex jkun skużat.

**37.5.5 – Ingaġġ ta' Skrivana Skala 16**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-impjegata ġiet it-terminata, u fil-jiem li ġejjien nibdew l-proċess ta' mpjieg għal-persuna oħra.

**37.5.6 – Ingaġġ ta' Assistant Handyman CIES**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-Kunsill irċieva lista mingħand il-Jobs Plus għal-ingaġġ ta' assistent *to the handyman.* Din il-lista għalqet il-Ħadd 19 ta' Settembru u b'kollox daħħlu 9 applikazzjonijiet.
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil bord ta' l-*interviews* li ser tibgħatilhom imejl biex niftehmu data għal-*interview*.

**37.5.7 – Ingaġġ ta Steward għat-Trattament Xieraq tal-Annimali**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-Kunsill jrid joħroġ sejħa.

**37.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**37.6.1 Skeda ta Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 120.
Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 25 ta' Awwissu sat-22 ta' Settembru 2021.

**37.6.2 Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**37.6.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*works orders.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**37.6.4 Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*petty cash.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-*petty cash* li tkopri xahar ta Awwissu 2021. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**37.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-8:15 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għas-26 t'Ottubru 2021 fis-6:00pm.

Konfermati llum 22 ta' Settembru 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda Baldacchino Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |